# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 18**

12 ta' Marzu 2020

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Anthony Attard Deputat Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

18.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

18.1.1. Is-Sindku DSH ressqet ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsillier VB li talab li jkun skużat minħabba s-sitwazzjoni kurrenti u fuq parir tad-Dipartiment tas-Saħħa biex l-anzjani jevitaw li joħorġu minn djarhom. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija.

18.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

18.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-sittax (16)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

18.2.2. Il-Viċi Sindku GD ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (GD, JAE, DSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

18.2.3. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-sbatax (17)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

18.2.4. Il-Viċi Sindku GD ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsilliera JP favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (GD, JP, DSH, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

18.2.5. Id-DSE għamel riferenza għall-materja nru 16.3.4 u staqsa jekk hux ser issir il-kompetizzjoni fi Ġnien l-Argotti. Is-Sindku DSH qalet li l-miżuri li ħabbar il-Gvern kienu sat-3 t'April 2020 u għalhekk ikun aħjar li wieħed jistenna u jara jiġux riveduti dawn il-miżuri qabel ma tittieħed deċiżjoni.

**Nota: 17:12 Il-Kunsillier JAE ippropona li tiġi diskussa il-materja nru 18.8. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.**

18.8 **MOZZJONIJIET**

18.8.1 **Mozzjoni 1**

*Nemmen li bħala Kunsill Lokali Floriana għandna niddiskutu mill-aktar fis l-aħħar żviluppi dwar l-użu tal-isptar Sir Paul Boffa fil-Floriana. Dan biex wara kollox fil-limitazzjonijiet li konxjament nafu li*

*għandu l-Kunsill, nagħmlu minn kollox biex inħarsu l-interessi tar-residenti Furjaniżi u tal-lokal, kemm fuq abbażi ta' sigurtà u saħħa, u kif ukoll fuq abbażi ta' serħan tal-moħħ għar-residenti.*

**Sekondant: Justine Palmier**

Il-Kunsillier JAE fetaħ billi qal li jaf li s-Sindku kienet għamlet dak kollu fil-poter tagħha sabiex tissalvagwardja r-residenti Furjaniżi. Huwa talab lis-Sindku sabiex tagħti rendikont ta' xi żviluppi li seta' kien hemm. Is-Sindku DSH qalet li kienet tkellmet mal-Ministru tas-Saħħa li nfurmaha li ma kienx hemm riskju għar-residenti minħabba li ma kienux se jkunu in kuntatt mal-persuni rikoverati fl-iSptar Boffa.

Il-Kunsillier JAE staqsa jekk ġiex ikkunsidrat il-fatt li l-isptar kien f'żona residenzjali u staqsa wkoll għalfejn kien intagħżel dan l-isptar u mhux sptarijiet oħra f'lokalitajiet oħrajn. Il-Viċi Sindku GD qalet li l-iSptar Boffa kien jaqa' direttament taħt l-iSptar Mater Dei u kien għalhekk li kien intagħżel dan l-isptar. Hija qalet ukoll li l-isptar kien qed jintuża riċentement bħala dar tal-anzjani u li ma kienx qed jaqdi l-funzjoni primarja tiegħu. Is-Sindku DSH qalet li fiż-żmien l-istess sptar kien serva bħala lok għall-kwarantina.

Il-Kunsillier JAE staqsa meta kien ser ikun jista' jerġa' jibda' jopera bħala dar tal-anzjani in viżta tal-fatt li xi anzjani li kienu jgħixu hemm kienu ġew trasferiti fi djar oħra 'l bogħod mil-lokalità. Il-Viċi Sindku GD qalet li kien għadu prematur biex wieħed jagħti data fissa u qalet li wieħed irid jistenna u jara kif ser jiżviluppaw l-affarijiet, li kienu qed jiżviluppaw b'rata mgħaġġla.

Il-Kunsillier JAE staqsa jekk hux ser ikun hemm komunikazzjoni mar-residenti f'każ li jkun hemm kwarantina. Huwa talab jekk il-Kunsill jistax jitlob lill-Ministeru tas-Saħħa sabiex iserraħ ras ir-residenti li tali kwistjoni mhux ser tkun ta' problema. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill jista' jitkellem mal-Ministeru.

Il-Kunsilliera JP ressqet it-tħassib tagħha għall-fatt li l-ħaddiema tal-iSptar Boffa jistgħu joħorġu jixtru mingħand ħwienet lokali u jkunu f'kuntatt mar-residenti. Il-Viċi Sindku GD u d-DSE assiguraw lill-Kunsill li nurses u tobba jkollhom id-direttivi tagħhom li ma jippermettux li huma joħorġu waqt il-ħin tax-xogħol.

## 18.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

18.3.1. Is-Sindku DSH ressqet talba mill-kumpaniija Colours of Malta biex torganizza gala dinner fuq il-Fosos. Il-Kunsill qal li in viżta tas-sitwazzjoni kurrenti ikun prematur li tittieħed deċiżjoni issa. Għalhekk il-Kunsill qabel li jitlob lil din il-kumpanija sabiex terġa' tikkomunika mal-Kunsill sena qabel id-data pjanata.

18.3.2. Id-DSE informa lill-Kunsill b'komunikazzjoni li kien għadu kif irċieva fejn ġie nfurmat li l-audit tal-Kunsill kien ser jinżamm remotely. Il-Kunsill innota dan.

18.3.3. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Arċidjoċesi ta' Malta fejn informa lill-Kunsill bil-Via Sagra li kienu ser jorganizzaw. Il-Kunsill qabel li l-korrispondenza għandha tinżamm pendenti in viżta taċ-ċirkostanzi preżenti.

18.3.4. Is-Sindku ressqet talba biex tiġi organizzata health week fuq il-Fosos f'Ġunju. Il-Kunsill qabel li l-korrispondenza għandha tinżamm pendenti in viżta taċ-ċirkostanzi preżenti.

18.3.5. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand persuna li kienet qed tirrestawra binja fi Triq Vincenzo Bugeja / Triq l-Argotti. Is-Sindku qalet li l-kurduna tal-qawwi kienet imkissra u għalhekk kien hemm żewġ alternattivi: jew li ssir tal-kokos jew b'madum simili għal tal-qawwi. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu l-parir tal-Perit tal-Kunsill.

18.3.6. Is-Sindku għamlet riferenza għar-rampa li hemm fi Triq l-Argotti li wkoll kien hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni dwarha. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu l-parir tal-Perit tal-Kunsill.

18.3.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Zen Eco Market fejn informaw lill-Kunsill li d-deċiżjoni li ħadu s-sena l-oħra sabiex jarmaw banda oħra kienet ittieħdet għall-benefiċċju ta' kulħadd u skużaw ruħhom għall-inkonvenjenza li nħolqot. Il-Kunsill approva li jerġgħu jieħdu sehem fl-edizzjoni li jmiss ta' Ġenna ta' Ġonna u qabel li dan l-eco market jarma fiż-żona tal-Biskuttin.

18.3.8. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra fejn offrew lill-Kunsill jorganizza attività b'mod konġunt magħhom billi jieħu ħsieb jipprovdi fire engine. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u għalhekk qabel li għandu jinħareġ il-pagament lill-kuntrattur.

18.3.9. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kien hemm bżonn li jsir survey tal-bini tad-Dar tal-Kunsill sabiex il-Perit ikun jista' jipprovdi disinji f'format ACAD kif mitlub għall-applikazzjoni għal fondi tal-Unjoni Ewropea. Hija qalet li tali survey kien ser jammonta għal €1350. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni provduta.

18.3.10. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Vilhena fejn talbu konferma jekk is-servizz tal-banda hux ser ikun mitlub nhar Jum il-Floriana u jekk il-Kunsill hux ser ikun qiegħed jagħmel ir-reklam tal-awgurju tal-festa. Il-Kunsill qabel li għandu jinkludi l-banda kif ukoll li għandu jagħmel ir-reklam tal-awgurju tal-festa u għalhekk qabel li għandu jinformahom b'dan.

18.3.11. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand kumpanija fejn talbu permess lill-Kunsill sabiex jorganizzaw il-Garmin Duathlon National Championships. Huma offrew lill-Kunsill sabiex jorganizza din l-attività konġuntament magħhom. Il-Kunsill qabel li għandu l-ewwel jikkonferma jekk din l-attivià hux ser issir u jekk iva, f'hiex tikkonsisti l-ispiża.

## 18.4 RAPPORTI

18.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 18.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

18.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar il-fondi tal-cat cafés. Id-DSE spjega f'hiex kienet tikkonsisti l-applikazzjoni tal-Kunsill u qal li kien hemm ħames cat cafés x'jitwaħħlu.

18.5.2. Il-Kunsillier JAE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal kif kien ser jikkomunika mal-cat feeders. Id-DSE qal li mhux kull kunsill kien applika għall-istess affarijiet u għalhekk wieħed irid jara skont l-applikazzjoni sottomessa.

## 18.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

18.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 18.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

18.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 09/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

18.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku GD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

18.7.3. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xahar ta' Diċembru, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

18.7.3.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku GD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta' petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 18.8 Mozzjonijiet

18.8.1. Il-mozzjonijiet ġew diskussi iktar kmieni fil-laqgħa wara materja nru 18.2.

## 18.9 St Patrick's Sunday

18.9.1. Is-Sindku DSH informat li l-Kunsill kien ser jorganizza l-attività ta' St Patrick's Day nhar il-Ħadd li ġej iżda minħabba ċ-ċirkostanzi din kellha tiġi posposta fuq deċiżjoni unanima.

18.9.2. Is-Sindku qalet li minkejja li l-attività ġiet imħassra, xorta waħda kien hemm commitments li kienu saru u li jridu jitħallsu. Hija qalet li kienet talbet lill-persuna inkarigata sabiex tipprovdi lista tal-ispejjeż li għamlet fejn tali spejjeż kienu telgħu għal €2628.

18.9.3. Id-DSE issuġġerixxa li tali rikjesta għal rimbors ta' spejjeż tintbagħat bil-miktub u li l-persuna in kwistjoni għandha tagħmel ukoll dikjarazzjoni li l-ispejjeż ma jistgħux jiġu rimborsati minn bnadi oħra, jew mitluba lill-kuntratturi. Is-Sindku DSH proponiet ukoll li l-Kunsill jitlob li jiġu provduti t-T-shirts u l-banner li kienu diġà ġew stampati. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li għandu jirrifondi lill-persuna in kwistjoni tal-ispejjeż li ġarrbet u dan wara li jipprovdi r-rikjesta u d-dikjarazzjoni bil-miktub hekk kif mitlub.

## 18.10 FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR MEKKANIZZAT

18.10.1. Is-Sindku DSH qalet li kienet tkellmet mal-Arċipriet dwar il-festa u qalet li kien informaha li l-Isqof ma kienx f'pożizzjoni jikkonferma jekk il-festa kienitx ser tiġi kkanċellata għalissa. Is-Sindku qalet li għalhekk kien hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni dwar jekk il-Kunsill ikomplix bl-organizzazzjoni tal-festival jew le.

18.10.2. Is-Sindku għamlet riferenza wkoll għax-xogħol tan-nar li diġà sar mill-kmamar. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li kien għadu prematur biex jiddeċiedi jekk jikkanċellax il-festival u għalhekk qabel li sa dakinhar il-Kunsill kien għadu bil-ħsieb li jibqa' għaddej bl-attività iżda ovvjament wieħed irid jara skont kif jiżvolġu l-affarijiet.

## 18.11 JUM IL-FLORIANA

18.11.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-attività ta' Jum il-Floriana. Il-Kunsill qabel li għalissa l-attività għandha tinżamm pendenti.

## 18.12 LAQGĦA MALL-PRESIDENT TA' MALTA FLIMKIEN MALL-GĦAQDIET

18.12.1. Is-Sindku għamlet riferenza għal-laqgħa mal-President ta' Malta flimkien mal-għaqdiet. Il-Kunsill qabel li għalissa l-laqgħa għandha tinżamm pendenti.

## 18.13 URBAN GREENING

18.13.1. Is-Sindku DSH qalet li fis-sejħa oriġinali il-Kunsill kien talab siġar tar-rummien li iżda rriżulta li ma kienx posthom fi Ġnien il-Mall. Għalhekk kien ġie suġġerit li jiġi provdut compost minflok dawn is-siġar. Il-Kunsill qabel.

## 18.14 PROĠETT KG5

18.14.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kien qed jitpoġġa t-tapit tal-lakstu fil-bandli.

18.14.2. Is-Sindku għamlet riferenza għall-piċċ sintentiku u qalet li l-Perit kien għadu qed jistenna risposta dwar xi speċifikazzjonijiet hemm bżonn.

18.14.3. Is-Sindku qalet li l-inġinier kien lest sabiex jibda' x-xogħol tad-dawl. Hija qalet li l-Perit u l-Inġinier għandhom jikkordinaw bejniethom sabiex jaraw x'hemm bżonn li jsir.

18.14.4. Is-Sindku għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tas-sistema tad-drenaġġ fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u qalet li d-DSE kien qed jaħdem fuq l-abbozz.

18.14.5. Id-DSE qal li l-Kunsill kien irċieva l-fondi għas-sistema tal-irrigazzjoni. Huwa qal li kien qed jistenna l-ispeċifikazzjonijiet mingħand il-Perit sabiex ikun jista' jipproċedi.

## 18.15 BANNERS JUM IL-FLORIANA U TRIQ SANT ANNA

18.15.1. Is-Sindku DSH qalet li kienet ġiet avviċinata mill-Fergħa Armar ta' Barra fejn offrew lill-Kunsill li l-banners jibdew jitwaħħlu minnhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jipprovdu riċevuta fiskali għall-pagament. Id-DSE qal li għandu jiċċekkja jekk riċevuta b'VO number tkunx suffiċjenti f'dal-każ.

18.15.2. Is-Sindku qalet li kien hemm bżonn li jiġu diskussi l-personaġġi li ser jitpoġġew fuq il-banners għal Jum il-Floriana. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jonora lis-Sur Arthur Micallef (Tenur), lis-Sur Tony Vella (plejer tal-Floriana Ajax), lis-Sur Jurgen Micallef (plejer tal-waterpolo), lis-Sur Robbie Mamo, lil Dun Mikiel Anġ u lis-Sa Sacha Roberts.

## 18.16 PROĠETT NORWEGIAN GRANTS

18.16.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kien hemm bżonn li jsir survey tad-Dar tal-Kunsill li kien diġà ġie approvat f'materja nru 18.3.9. Hija qalet li dan kien neċessarju sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika għall-fondi tal-Unjoni Ewropea.

## 18.17 BANDIERA U ARBLU TAL-LOKALITA

18.17.1. Is-Sindku qalet li kienet ġiet avviċinata minn diversi għaqdiet lokali li proponew li l-Kunsill jinstalla arblu bil-bandiera tal-lokalità.

18.17.2. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-Perit sabiex jiġi determinat l-aħjar post għal dan l-arblu.

18.17.3. Id-DSE qal li jkun hemm bżonn li l-Kunsill jitkellem ukoll ma' Transport Malta f'każ li jiġi deċiż li l-arblu jitwaħħal fi Triq Sant'Anna.

## 18.18 INNU TAL-LOKALITA

18.18.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li s-Sur Paul Ellul u s-Surmast Heathcliff Balzan kienu proponew laqgħa mal-Kunsill nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu 2020 fit-8am sabiex jiġi diskuss l-innu tal-lokalità. Il-Kunsill laqa' l-proposta.

## 18.19 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

18.19.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.10pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' April 2020 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum ____________________________________**

Davina Sammut Hili
Sindku

Anthony Attard
Deputat Segretarju Eżekuttiv